**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, 3 ta' Gunju 2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Jonathan Caruana**

**Adrian Caruana**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Jonathan Caruana, iben Henry Caruana u Giovanna Maria Caruana, mwieled tal-Pieta', nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' April tas-sena elf disa' mija tmienja u tmenin (1988), u residenti fil-fond *St. Angelo*, Triq tas-Silg, Marsaxlokk, Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0206588M, bhala l-kaptan tad-dghajsa '*Stella Maris IV*' bin-numru ta' Registrazzjoni MFB 714, u fil-konfront ta' Adrian Caruana, iben Henry Caruana u Giovanna Maria Caruana, mwieled il-Pieta', nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija erbgha u sebghin (1974), u residenti fil-fond bin-numru 1, *Moomba*, Triq ix-Xambekk, Marsaxlokk, Malta, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0370674M, bhala sid id-dghajsa '*Stella Maris IV*' bin-numru ta' Registrazzjoni MFB 714, senjatament akkuzati talli;

Fit-tlettax (13) ta' Lulju, 2020, u fil-granet u gimghat ta' qabel din id-data, fil-gzejjer u fl-ibhra territorjali Maltin, b'diversi atti maghmula minnhom fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Lil Jonathan Caruana u lil Adrian Caruana, talli d-dghajsa '*Stella Maris IV*' bin-numru MFB714 kienet involuta f'sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat (*IUU*) bi ksur tar-restrizzjonijiet imposti mill-Artikolu 3 (1) (a) tar-Regolament (KE) 1005/2008 meta stad minghajr licenzja, awtorizzazzjoni jew permess validi mahrugin mill-istat tal-bandiera jew l-istat kostali rilevanti. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi Ordni;
2. Lil Jonathan Caruana, li waqt il-hin tal-ispezzjoni kien qieghed jagixxi ta' kaptan tad-dghajsa bl-isem '*Stella Maris IV*' bin-numru ta' Registrazzjoni MFB714, talli kien qieghed jopera u kien fil-kmand tal-imsemmija opra tal-bahar '*Stella Maris IV*', minghajr licenzja valida *ai termini* tal-Kap. 425.07 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari r-Regolament 5;
3. Lil Jonathan Caruana (bhala l-persuna li kienet qieghda tagixxi ta' kaptan waqt l-ispezzjoni mill-ufficjali tas-Sajd) u lil Adrian Caruana (bhala sid id-dghajsa MFB714), talli l-bastiment '*Stella Maris IV*' kien involut f'sajd illegali, mhux irrapurtat u mhux irregolat (*IUU*) bi ksur tar-restrizzjonijiet imposti mill-Artikolu 3 (1) (b) tar-Regolament (KE) 1005/2008 meta ma ssodisfax l-obbligi tieghu li jirrekordja u jirrapporta *data* dwar il-qabda jew relatat mal-qabda, inkluza *data* li trid tigi trazmessa permezz tas-sistema ta' sorveljanza tal-vapuri bbazata fuq satellita, jew notifiki minn qabel skond l-Artikolu 6. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi ordni;
4. Lil Jonathan Caruana (bhala l-persuna li kienet qieghda tagixxi ta' kaptan waqt l-ispezzjoni mill-ufficjali tas-Sajd) u lil Adrian Caruana (bhala sid id-dghajsa MFB714), talli kienu nvoluti f'sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (*IUU*) bi ksur tar-restrizzjonijiet imposti mill-Artikolu 39 tar-Regolament (KE) 1005/2008. Dan il-ksur jikkostitwixxi reat ta' xorta gravi skond id-dettammi ta' L.S. 425.08 u precizament l-Artikoli 3 u 4 tal-imsemmi ordni.

Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skond l-Artikolu 31 (4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas il-kost u l-ispejjez skond l-Artikolu 31 (4) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 35 tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti kienet mitluba wkoll sabiex joghgobha tordna u timponi l-provvedimenti skond l-Artikolu 30 (2) tal-Kap. 425 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fir-rigward tal-konfiska favur il-Gvern tal-prodotti tas-sajd u l-kost u spejjez u dan dejjem skont dawk il-provvedimenti li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportuni li tordna u timponi.

Rat l-atti processwali,

Semghet lix-xhieda,

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet,

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ufficjali mid-dipartimenti tas-sajd kienu nnotaw opra tal-bahar MFB-714 diehla fil-port ta' Marsaskala. Bhala kaptan kien hemm Jonathan Caruana. Minn spezzjoni li saret fuq din l-opra tal-bahar gie osservat li fl-istess dghajsa kien hemm erbgha bicciet tonn iffillijati bil-piz totali ta' 88.5 kilogrammi. Ix-xhud Daniel Briffa jikkonferma li l-qua imputat ikkonferma mieghu li l-ispeci kienet bluefin tuna. Fix-xhieda tieghu Briffa jikkonferma ukoll li huma fl-ebda hin ma taw lill-imputati d-drittijiet taghhom skond il-ligi. Minn verifiki li saru mill-ufficjali tad-dipartiment tas-sajd mal-ufficju taghhom irrizulta li Caruana ma kienx illicenzjat bhala kaptan fuq l-imsemmija dghajsa u li s-sid in kwistjoni kien Adrian Caruana. Briffa jikkonferma ukoll li fiz-zmien tar-reat il-prezz tat-tuna kien bejn Eur. 9-Eur. 10 kull kilo u dana skond il-prezz li bih it-tuna tinbiegh mill-Pixkerija.

Illi ghal kull bon fini jigi ddikjarat li fil-kunsiderazzjonijiet taghha dina l-Qorti ser tiskarta kwalunkwe dikjarazzjonijiet li setghu saru mill-qua imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet maghmula mill-ufficjali tad-dipartiment tas-sajd galadarba ma jirrizultax li l-istess imputat gew mghotija d-drittijiet legali taghhom skond il-ligi.

Fl-ewwel lok jinghad li n-nes bejn l-imputat Adrian Caruana u l-imputazzjonijiet odjerni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. L-unika prova li tezisti ta' dan in-nes kienet fix-xhieda ta' Briffa meta qal li minn verifiki maghmula mill-ufficju rrizulta li l-qua imputat Adrian Caruana kien sid l-imsemmija opra tal-bahar. Prova tal-licenzja in kwistjoni ma giet qatt ipprezentata fl-atti processwali u ghaldaqstant l-imputat Adrian Caruana ser jigi lliberat mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-istess raguni, t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' Jonathan Caruana, ma tirrizultax sodisfacentament pruvata galadarba ma tressqet l-ebda prova tal-licenzja tad-dghajsa bl-isem 'Stella Maris IV' bin-numru ta' registrazzjoni MFB714;

Illi ghal dak li jirrigwarda l-bqija tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tal-imputat Jonathan Caruana jinghad illi ghalkemm jirrizulta pruvat li fuq id-dghajsa li kienet qed tigi mastered minn Jonathan Caruana kien hemm il-hut, ma jirrizultax pruvat sal-grad rikjest mil-ligi li kien propju Caruana li kien involut f'sajd illegali. Il-fatt li l-ispeci ta' hut kienu fil-pussess ta' Jonathan

Caruana ma jfissirx necessarjament li kien propju huwa li kien involut fis-sajd illegali. Ghal din ir-raguni din l-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' Jonathan Caruana ma gewx sodisfacentament ippruvati sal-grad rikjest mil-ligi.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, qed tillibera lill-qua imputati, Jonathan Caruana u Adrian Caruana mill-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur